MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 2079/2000/1

**Malta Football Association**

**v.**

**Emmanuel Portelli**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-assocjazzjoni attrici li tghid hekk:

“Peress illi l-konvenut huwa debitur tal-attriċi fl-ammont ta’ sbatax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin Lira Maltin u tnejn u disgħin ċenteżmu (Lm17,646.92), in kwantu sittax-il elf

Lira Maltin (Lm16,000) bħala korrispettiv ai termini tal-ftehim datat 3 ta’ Novembru 1997 u dan għall-istaġun tas-sena 1999 – 2000 skond kif jidher mill-imsemmi ftehim hawn anness u esibit u mmarkat bhala Dok. A, u in kwantu l-ammont ta’ mitejn u tnejn u disgħin Lira Maltin u sebgħin ċenteżmu (Lm292.70) rappreżentanti bilanċ dovut skond l-ammont ta’ spettaturi għall-istaġun 1998 – 1999 u in kwantu l-ammont ta’ elf tlett mija u erbgħa u ħamsin Lira Maltin u tnejn u għoxrin ċenteżmu (Lm1,354.22) dovut skond l-ammont ta’ spettaturi għall-istaġun 1999 – 2000 u dan stante ftehim tal-11 ta’ Settembru 1997 fejn hemm stipolat li l-konvenut għandu jħallas żewġ ċenteżmi (0.02c) għal kull spettatur li jeċċedi l-ammont ta’ mitt elf spettatur f’kull staġun partikolari, liema numru ta’ spettaturi jirriżulta mill-anness Dok. D ghall-istaġun 1998 – 1999 u mill-anness Dok. E għall-istagun 1999 – 2000;

“Peress illi l-konvenut baqa’ ma ħallasx dan l-ammont minkejja li ġie diversi drabi interpellat biex jagħmel dan saħansitra permezz ta’ ittra uffiċjali datata 1 ta’ Marzu 2000;

“Peress illi dan l-ammont hu ċert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-attriċi, il-konvenut ma għandu ebda eċċezzjoni x’jissolleva kontra l-pagament ta’ l-istess;

“Peress illi, għaldaqstant, ghal dawn il-proċeduri huma applikabbli d-dispozizzjonijiet għad-dispensa mis-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikoli 167 et seq. tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

“Jghid il-konvenut ghaliex dina l-Qorti ma ghandiex:-

“1. Tikkundannah illi jħallas lis-soċjeta` attrici, is-somma ta’ sbatax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin Lira Maltin u tnejn u disgħin ċenteżmu (Lm17,646.92), lilha dovuti kif fuq premess u dan bid-dispensa mis-smigħ tal-kawża a tenur ta’ l-Artikoli 167 et seq. tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

“Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandati kawtelatorji, u interessi kummerċjali skond il-Liġi sad-data tal-ħlas effettiv

kontra l-konvenut li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol. 23) li in forza taghha ecepixxa:

"1. Illi għad li mill-premessi u t-talbiet taċ-ċitazzjoni jidher li l-Assoċjazzjoni attriċi riedet tipproċedi bil-proċedura a tenur tal-Art. 167 et seq. tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, ċ-ċitazzjoni li ġie notifikat biha l-konvenut fiha fuq il-faċċata tagħha ordni tal-Qorti sabiex min jirċevieha għandu jippreżenta Nota ta' Eċċezzjonijiet fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika altrimenti l-Qorti tgħaddi għad-deċiżjoni, u għalhekk in ottemperanza ta' din l-ordni l-konvenut qed jippreżenta din in-Nota ta' Eċċezzjonijiet tiegħu.

"2. In linea preliminari l-Assoċjazzjoni attriċi trid tipprova li l-Avukat Joe Mifsud għandu r-rappreżentanza u l-awtorita` skond l-Istatut tal-Malta Football Association biex seta' jippreżenta ċ-ċitazzjoni odjerna billi altrimenti ċ-ċitazzjoni tkun nulla.

"3. In linea preliminari wkoll il-ġudizzju mhux integru billi l-ftehim tat-3 ta' Novembru 1997 ġie kuntrattat u ffirmat oltre mill-kontendenti wkoll mill-M.F.A. Grounds Management Board liema Board mhux parti minn dawn il-proċeduri u għalhekk il-konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

"4. Illi fil-meritu l-ammont mitlub ta' sittax-il elf Lira Maltin (Lm16,000) mill-Assocjazzjoni attriċi huwa kontestat stante li fl-istaġun tal-1999/2000 ġie totalment demolit il-'Valletta side' ta' l-Istadju Nazzjonali fejn il-konvenut kellu l-Bar prinċipali u l-aqwa sors tal-*income* tiegħu u minħabba f'hekk il-konvenut tilef ħafna bejgħ u għalhekk sofra danni li għalihom qiegħed jagħmel kontro-talba biex jiġi riżerċit għall-istess danni.

"5. Illi inoltre u dejjem fil-meritu dan l-istess ammont fuq imsemmi mhux dovut għar-raġuni li l-Assoċjazzjoni attriċi kissret il-kuntratt billi beda jsir bosta

logħob tal-kampjonat tal-Football organizzat mil-Malta Football Association fi Stadiums oħra u cioe` f'dak tal-Ħamrun, ta' Korradino, fis-Centenary Stadium u fil-*ground* ta' Għawdex b'konsegwenza li l-konvenut sofra telf ta' qliegħ għal-liema telf huwa qed ifittex lill-Assoċjazzjoni attriċi fil-kontro-talba li qed iressaq.

"6. Illi l-Assoċjazzjoni attriċi kissret ukoll il-ftehim billi ppermettiet bejjiegħa oħra li jbiegħu oġġetti ta' l-ikel u xorb fil-*car park* ta' l-Istadium b'dannu għall-istess konvenut u anke l-Assoċjazzjoni attriċi kienet tħalli lill-ispettaturi joħorġu liberament sabiex jixtru mill-vendituri u għalhekk qed ifittex ukoll permezz tal-kontro-talba.

"7. Illi fil-meritu wkoll l-ammonti ta' mitejn tnejn u disgħin Lira u sebgħin ċenteżmi (Lm292.70c) u elf tliet mija erbgħa u ħamsin Lira u tnejn u għoxrin ċenteżmu (Lm1354.22) pretiżi mill-Assoċjazzjoni attriċi qed jiġu kontestati stante li l-figuri ta' spettaturi għall-istaġuni 1998/1999 u 1999/2000 ma jammontawx għal dawk li qed jippretendu li kienu l-istess Assoċjazzjoni attriċi.

"Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat il-kontro-talba tal-konvenut (fol. 25) li tghid hekk:

"1. Peress li l-konvenut daħal f'kuntratt ma' l-istess Assoċjazzjoni attriċi u mal-M.F.A. Grounds Management Board u dan fis-6 ta' Ġunju, 1996 dwar il-kiri tal-*bars* kollha fl-Istadium Nazzjonali li jintużaw waqt il-partiti tal-*Football*, liema kuntratt ġie estiż sat-30 ta' Ġunju, 2003 b'skrittura oħra tat-3 ta' Novembru, 1997 bil-pattijiet u kundizzjonijiet elenkati fl-istess skritturi;

"2. U peress illi fl-istaġun kalċistiku 1999 / 2000 l-Assoċjazzjoni attriċi iddemolit il-'Valletta side' kollha ta' l-istess Stadium Nazzjonali fejn il-konvenut kellu l-*bar* prinċipali u l-aqwa sors ta' introjtu tiegħu derivanti mill-istess kuntratti u b'hekk sofra danni;

"3. U peress ukoll illi waqt id-durata ta' l-istess kuntratti l-istess Assoċjazzjoni attriċi bdiet torganizza

logħbiet tal-Kampjonat barra mill-Istadium Nazzjonali u cioe` fil-*ground* tal-Ħamrun, il-*ground* ta' Korradino, is-Centenary *ground* u l-*ground* f'Għawdex u dan bi ksur ta' l-istess ftehim u per konsegwenza wkoll ta' dan l-aġir il-konvenut sofra danni;

"4. U peress illi inoltre minħabba nuqqas ta' superviżjoni u nuqqas ta' amministrazzjoni tajba da parti ta' l-Assoċjazzjoni attriċi, ippermettew li għall-istess logħob ikun hemm *outlets* oħra fil-*car park* ta' l-istess Stadium Nazzjonali li jbiegħu oġġetti ta' l-ikel u xorb u kienet tħalli l-ispettaturi joħorġu u jidħlu liberalment sabiex jixtru mill-istess bejjiegħa u dana b'dannu għall-istess konvenut;

"5. U peress illi minħabba l-aġir ta' l-Assoċjazzjoni attriċi kif premess fis-suespost paragrafi, il-konvenut sofra danni għal liema danni hija responsabbli l-istess Assoċjazzjoni attriċi.

"Tgħid għalhekk l-istess Assoċjazzjoni attriċi għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet imsemmija:

"(1) tiddikjara li minħabba l-aġir fuq espost ta' l-Assoċjazzjoni attriċi, il-konvenut sofra danni;

"(2) tiddikjara li għall-istess danni hija responsabbli l-istess Assoċjazzjoni attriċi;

"(3) tillikwida d-danni li sofra l-konvenut minħabba l-aġir ta' l-istess Assoċjazzjoni attriċi jekk hemm bżonn b'opera ta' periti nominandi; u

"(4) tikkundanna lill-Assoċjazzjoni attriċi li tħallas lill-konvenut dik is-somma li tiġi hekk likwidata in via ta' danni.

"Bl-ispejjeż kontra l-Assoċjazzjoni attriċi li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-assocjazzjoni attrici (fol. 31) ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut li in forza taghha eccepiet illi;

“1. Illi fl-ewwel lok il-kontro-talba tal-konvenut li hi rrita u nulla stante illi ċ-ċitazzjoni li dwarha saret il-kontro-talba saret a tenur tal-Art. 167 *et Seq* tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili kif jirriżulta kemm mill-premessi u kemm mit-talba u kif ukoll mid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni.

“2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikonvenzjoni hija rrita u nulla peress illi din hi nieqsa mill-formalitajiet rikjesti mil-Liġi għal rikonvenzjoni.

“3. Illi fit-tielet lok, it-talbiet rikonvenjenti għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-konvenut u dan għax kif jista’ jiġi ppruvat ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-Assoċjazzjoni rikonvenjenti dejjem aġixxiet kif patwit kontrattwalment mal-konvenut u għalhekk l-allegazzjonijiet tal-konvenut fil-kontro-talba huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

“4. Illi jsegwi li ma teżisti ebda responsabilita` ammontanti għal danni x’tiġi dikjarata fil-konfront tal-Assoċjazzjoni attriċi rikonvenuta.

“5. Illi jsegwi illi ma hemmx danni x’jiġu likwidati fil-konfront tal-Assoċjazzjoni attriċi rikonvenuta.

“6. Illi ulterjorment isegwi li m’hemmx ebda somma x’tiġi kkundannata tħallas l-istess Assoċjazzjoni attriċi rikonvenuta in via ta’ danni.

“Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.”

Rat li fl-udjenza tal-21 ta’ Marzu 2001 l-assocjazzjoni attrici irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha ghall-kontro-talba tal-konvenut;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta’ Mejju 2004 (fol. 90), li permezz taghha gew respinti

t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut u gie ordnat li l-kawza titkompla; spejjez riservati ghall-gudizzju finali;

Rat is-sentenza finali moghtija mill-istess Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Marzu 2007 li in forza taghha l-kawza giet deciza fis-sens li gej;

"......tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi, u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-assoċjazzjoni attriċi s-somma ta' sbatax-il elf, sitt mija, sitta u erbgħin Lira Maltin u tnejn u disgħin ċenteżmu (Lm17,646.92); tilqa l-eċċezzjonijiet ta' l-assoċjazzjoni attriċi u tiċħad il-kontro-talba tal-konvenut. L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut."

Dik il-Qorti tat is-sentenza finali taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet;

"Illi l-fatti li taw lok għal kawża kienu dawn. Fl-1997 il-partijiet iffirmaw kuntratt li permezz tiegħu l-konvenut estendew kuntratt li kien sar sena qabel li permezz tiegħu l-konvenut ingħata d-dritt imexxi l-*bars* kollha fl-i*stadium* nazzjonali waqt il-logħob tal-*football* għal ħames snin ulterjuri u cioe` sat-30 ta' Ġunju, 2003 iżda l-ewwel tlett snin kienu *di fermo* u t-tlett snin l-oħra *di rispetto*. Il-korrispettiv għall-perjodu *di fermo* kellu jkun ta' sittax-il elf Lira Maltin (Lm16,000). L-assoċjazzjoni attriċi qed titlob dan il-ħlas kif ukoll li titħallas is-somma ta' elf, sitt mija, sitta u erbgħin Lira Maltin u tnejn u disgħin ċenteżmu (Lm1,646.92) ai termini tal-Artikolu 1 (b) (ii) tal-ftehim oriġinali u cioe` dak tas-6 ta' Ġunju, 1996 illi huwa esebit a fol. 103 tal-proċess.

"Il-konvenut qed isostni li l-assoċjazzjoni attriċi ma esegwitx l-obligazzjonijiet tagħha skond il-kuntratti u dan għaliex fiż-żmien li kien qed jiġgestixxi l-*bars* in kwistjoni twaqqa' *stand* prinċipali u allura naqset l-attendenza u l-bejgħ tiegħu kif ukoll għaliex tħallew joperaw *bars* barra mill-i*stadium* li l-ispettaturi kienu jkunu jistgħu jużaw billi joħorġu għal ftit ħin u jerġgħu jidħlu. Allura qed jipproponi kontro-talba li fiha qed jitlob id-danni.

"Il-Qorti tħoss li qabel ma tidħol fil-mertu ta' dawn il-kwistjonijiet sollevati mill-konvenut, għandha tara jekk fil-fatt l-assoċjazzjoni attriċi kellhiex xi obligazzjonijiet kif qed jallega l-konvenut. Eżami ta' l-iskritturi in kwistjoni u cioe` dik tas-6 ta' Ġunju, 1996 u tat-3 ta' Novembru, 1997 juri biċ-ċar li ma kien hemm ebda obbligu simili. Il-konvenut kellu l-fakolta` illi jopera l-*bars* u ma kellu ebda impediment da parti tas-soċjeta` attriċi illi allura adempjiet l-obbliġi kontrattwali tagħha interament. Ċertament ma kellhiex xi obbligu li titlob il-permess tal-konvenut biex tagħmel xi xogħlijiet fl-i*stadium* u apparti li ma kellha ebda obbligu kontrattwali li twaqqaf bejjiegħa barra mill-i*stadium* diffiċilment wieħed jifhem kif kellha xi saħħa twaqqafhom. Barra minn dan il-fatt li kienu qed isiru xi xogħlijiet fil-*ground* ma waqqafx lill-ispettaturi milli jattendu għal-logħob u billi l-konvenut kien jiġgestixxi l-*bars* kollha dan bl-ebda mod ma għandu jitqies bħala xi ksur tal-kuntratt jew ta' xi obbliġi kontrattwali da parti tas-soċjeta` attriċi .

"Huwa minnu li mill-*punto di vista* etiku u anke legali għaliex suppost li l-*kuntratti għandhom jiġu esegwiti in bona fede u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom iżda wkoll għal konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzoni skond ix-xorta tagħha bl-ekwita`, bl-użu jew bil-liġi* kif qalet is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża C<u>efalu et vs Gauci nomine LXXX.IV.1359</u>). Madankollu l-Qorti ma tarax li b'xi mod l-assoċjazzjoni attriċi kellha xi *mala fede* fil-kwistjoni, u fuq kollox *il-ġurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet illi mhix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aġġunta għall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet <u>meta din hija espressa b'mod ambigwu</u>.* (<u>Beacom vs Spiteri Staines – Appell Ċivili - 5 ta' Ottubru, 1998</u>). Fil-każ in kwistjoni ma hemm ebda ambigwita` fil-kuntratt u l-konvenut qed jinvoka obbligazzjonijiet li <u>ma jeżistux fl-iskrittura innifisha</u>. Fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet <u>General Cleaners Limited vs Accountant General et</u> (29 ta' Novembru, 2001) intqal li *bħala prinċipju ġenerali l-liġi u senjatament l-Artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li 'meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skond l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal ebda interpretazzjoni. Il-prinċipju kardinali*

*li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata* – ***pacta sunt servanda.*** Huwa wkoll prinċipji stabbilit illi *contra scriptum non scriptum testimonium non fertur* (ara per eżempju s-sentenza Callus vs Micallef – Prim Awla – 12 ta' Diċembru, 2001.

"Għalhekk sija l-eċċezzjonijiet sija l-kontro-talba tal-konvenut ma għandhomx bażi legali. Fir-rigward tal-ammont dovut skond l-attendenza kif spjegat fiċ-ċitazzjoni, dan hu pruvat mid-dokumenti esebiti mis-soċjeta` attriċi u li ma ġewx in effetti kontestati."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti;

"......joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-28 ta' Marzu 2007 fl-ismijiet premessi u dan billi tichad it-talbiet kollha tal-assocjazzjoni appellata u tilqa' l-eccezzjonijiet kollha fil-meritu mill-istess appellant u dan billi wkoll tilqa' t-talbiet kollha tal-appellant kif dedotti fil-kontro-talba tieghu u tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-assocjazzjoni appellata ghall-kontro-talba tal-appellant bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra assocjazzjoni appellata."

Rat ir-risposta tal-Malta Football Association ghar-rikors tal-appell;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-19 ta' Mejju 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Bi skrittura tat-3 ta' Novembru 1997 (ara fol. 5) il-partijiet estendew kuntratt li kien sar qabel li in forza tieghu l-konvenut inghata t-tmexxija tal-bars kollha li kienu jinsabu fl-i*stadium* nazzjonali tal-*football* gewwa Ta' Qali u dana ghal tlett staguni ohra *di fermo* versu korrispettiv ta'

Lm16,000 fis-sena u ghal zewg staguni ohra *di rispetto* bil-korrispettiv ikun rivedut skond kif indikat fil-ftehim. Gie patwit kumpens ulterjuri ghal kull spettatur li jeccedi l-ammont ta' mitt elf spettatur f'kull stagun partikolari. L-assocjazzjoni attrici qed titlob il-korrispettiv patwit ghall-istagun tal-*football* 1999-2000, cioe` is-somma ta' Lm16,000 u kumpens aktar ghall-ispettaturi li eccedew il-100,000 f'dak l-istess stagun u l-istagun ta' qablu.

Id-difiza tal-konvenut, u t-talba konsegwenzjali tieghu ghad-danni, hi bazata fuq tlett aspetti: l-ewwel, li matul l-istagun 1999-2000, l-assocjazzjoni iddemolit il-'Valletta Side' kollu u b'hekk gie mcahhad mill-uzu ta' *bar* principali; it-tieni li matul l-istess stagun, intlabu loghbiet tal-*football* f'*grounds* ohra barra minn dak nazzjonali ta' Ta' Qali; u fit-tielet lok, li l-assocjazzjoni attrici ppermettiet li *outlets* ohra ibieghu ikel u xorb fil-*car park* tal-istess *stadium* nazzjonali.
L-ewwel Qorti cahdet l-aggravji kollha tal-konvenut wara li qieset li l-konvenut kien qed jipprova jitfa' fuq l-assocjazzjoni attrici obbligazzjonijiet li ma johorgux mill-ftehim iffirmat bejn il-partijiet.

Il-konvenut ressaq l-istess aggravju quddiem din il-Qorti, ghax qed jallega li hu garrab telf b'rizultat ta' agir unilaterali da parti tal-assocjazzjoni attrici.

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi prodotti tikkondividi l-hsieb tal-ewwel Qorti li l-assocjazzjoni attrici, fil-fatt, ma kellhiex l-obbligazzjonijiet li l-konvenut jallega li gew miksura minnha. Hekk, ma jirrizultax li l-assocjazzjoni ntrabtet li torganizza l-loghob kollu li kien isir taht il-gurisdizzjoni taghha fl-i*stadium* nazzjonali ta' Ta' Qali. Fil-fatt, kull min isegwi l-*football* lokali, jaf li dak l-istagun ma kienx l-ewwel u l-uniku wiehed meta l-assocjazzjoni attrici organizzat loghob tal-*football* fi *grounds* ohra. Il-konvenut kien zgur jaf b'dan peress li kellu gia` esperjenza ta' tmexxija tal-*bars* fl-i*stadium* nazzjonali u meta gie biex igedded il-ftehim ma nsistiex li l-assocjazzjoni attrici torganizza l-loghob <u>kollu</u> taghha fl-i*stadium* nazzjonali. Il-konvenut inghata t-tmexxija tal-*bars* f'dak il-*ground* partikolari; hu kien jaf li l-assocjazzjoni attrici torganizza l-

maggor parti tal-loghbiet taghha tal-klassi Premier f'dak l-i*stadium*, pero`, ma ntrabtitx li necessarjament torganizza l-loghob <u>kollu</u> hemm gew.

Lanqas ma jirrizulta li l-assocjazzjoni attrici obbligat ruhha biex, b'xi mod ma tippermettix persuni ohra jarmaw *kiosk* li jbiegh ikel u xorb <u>barra</u> l-i*stadium*. Apparti l-fatt li hu difficli ghall-assocjazzjoni attrici li tikkontrolla x'jigri barra mill-isfera tal-kontroll taghha, ma ntrabtitx li timpedixxi operazzjonijiet kummercjali ohra barra mill-*ground*. Il-konvenut inghata l-koncessjoni li jmexxi l-*bars* <u>kollha</u> fl-i*stadium* nazzjonali, u ma jirrizultax li l-assocjazzjoni attrici naqset milli tesegwixxi sehemha mill-ftehim.

Ghar-rigward l-ilment principali tal-konvenut marbut mat-twaqqih tas-*seating area* f'genb shih tal-*ground* (dik in-naha popolarment maghrufa bhala l-'Valletta Side'), filwaqt li hu veru li f'dak l-istagun partikolari, in-numru ta' spettaturi kien anqas mill-istagun ta' qabel (b'madwar 21,700 spettatur) ma giex ippruvat li l-attendenza naqset minhabba dawn ix-xoghlijiet. Hemm hafna fatturi li fil-*football* jistghu jwasslu ghat-tnaqqis fin-numru ta' spettaturi fosthom l-andament tal-kampjonat u l-*pulling power*, f'termini ta' *supporters*, ta' dak il-*club* jew *clubs* li jkun qed jiggieled ghar-rebh tal-kampjonat. F'dan il-kaz ma saritx il-prova ta' *nexus* ta' kawza u effett bejn ix-xoghlijiet fil-*ground* u t-tnaqqis fin-numru ta' spettaturi. Setghu kienu influwenzati, pero`, ma rrizultax li kienu l-unici fatturi jew fattur determinanti ghat-tnaqqis fl-attendenza. Tul l-istagun 1999-2000, il-*ground* qatt ma kien mimli b'mod li numru ta' spettaturi thallew barra, u min ried jidhol jara xi loghoba, dahal. Il-kurvi u l-*area* faccata dik in kwistjon, kienu miftuha u kull min ried jippartecipa ghal xi loghoba, seta' facilment jaghmel dan. Il-konvenut kellu t-tmexxija tal-bars kollha fl-i*stadium* nazzjonali, u tul ix-xoghlijiet anke thalla jiftah *bars* ohra f'partijiet ohra tal-*grounds*, u dawn setghu jintuzaw mill-ispettaturi kollha li dahlu fil-*ground*.

Barra minn dan, anke jekk il-ftehim bejn il-partijiet kellu n-natura ta' lokazzjoni – kif donnu qed isostni l-konvenut – apparti l-principju li l-kera trid dejjem tithallas hlief fil-

kazijiet kontemplati fil-ligi (ara espressjoni ricenti ta' dan il-principju fil-kawza **Ellul et v. Mizzi et**, deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju 2009) f'dan il-kaz, kif intwera, l-i*stadium* nazzjonali baqa' jintuza b'mod regolari, kif ukoll baqghu jiffunzjonaw il-*bars* l-ohra tal-konvenut li baqghu jservu lil kull min attenda l-i*stadium* matul l-istagun in kwistjoni. L-oggett tal-kirja, il-*bars* fl-i*stadium* nazzjonali, baqghu joperaw tul l-istagun kollu, u kull min ried imur l-*ground* seta' jibqa' jmur u jinqeda mill-hwienet imexxija mill-konvenut. Il-konvenut seta' jibqa' jahdem normali daqs li kieku kien hemm il-'Valletta Side' miftuh.

Inoltre ma jirrizultax li l-konvenut ha xi passi gudizzjarji biex jikkawtela l-interessi tieghu, u zgur ma jistax jiehu vantagg mid-decizjoni arbitrarja li ha li zzomm lura l-pagament. Meta sar jaf bix-xoghlijiet accetta li jkompli bil-"kirja", u accetta wkoll li jiftah *bars* ohra fil-genb tal-i*stadium* wara li twaqqa' dak li kien qed juza fil-'Valletta Side', u b'hekk accetta bidla "fl-ghamla" tal-oggett mikri. Il-konvenut la talab li jittermina l-kirja u lanqas ma talab kumpens; hu ha r-riskju li jhalli kollox ghaddej, u ma jistax issa jargumenta li, la gietu hazina, ghandu dritt jitlob kumpens ghat-telf li jghid li garrab. Ghalkemm ix-xoghlijiet li kienu qed isiru fil-*ground* setghu kellhom effett fuq l-attendenza, ma jirrizultax li l-konsegwenza fuq id-dhul tal-konvenut kienet rizultat ta' xi ksur ta' xi obbligu impost fuq l-assocjazzjoni attrici.

Ghar-rigward tal-*quantum* tas-somma mitluba mill-assocjazzjoni attrici, apparti l-korrispettiv patwit ta' Lm16,000, l-ewwel Qorti kienet kuntenta bil-prova prodotta dwar in-numru ta' spettaturi. Din il-prova ma hijiex mehtieg li ssir bil-presentazzjoni tal-*accounts* tal-assocjazzjoni attrici, u din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti qabilha, tara li l-prova rikjesta skond il-ligi saret bl-indikazzjoni tan-numri ta' spettaturi skond ir-*records* tal-istess assocjazzjoni.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut, billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------